

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata;
- tordna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell iħallsu l-ispejjeż tar-rikorreni f'dawn il-proċeduri, inklużi dawk imġarrba quddiem l-EUIPO

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Frar 2020 – Tele Columbus vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-69/20)**

(2020/C 95/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorreni: Tele Columbus AG (Berlin, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Wagner u J. Hackl, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2019) 5187 tat-18 ta' Lulju 2019 (M.8864 – VODAFONE/CERTAIN LIBERTY GLOBAL ASSETS);
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka l-motivi li ġejjin.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq irregolarità proċedurali fil-kuntest tal-eżami ta' ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva dovut għal effetti orizzontali mhux ikkoordinati fis-suq Ġermaniż "għall-provvista ta' trażmissjoni tas-sinjali tat-televiżjoni bil-kejbil lil unitajiet domestiċi f'unitajiet ta' abitazzjoni multipli (klijenti tal-MDU)" (iktar 'il quddiem "suq MDU").
 2. It-tieni motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-eżami ta' ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva dovut għal effetti orizzontali mhux ikkoordinati fis-suq Ġermaniż "għall-provvista ta' trażmissjoni tas-sinjali tat-televiżjoni bil-kejbil lill-unitajiet domestiċi f'unitajiet ta' abitazzjoni waħda (klijenti SDU)".
 3. It-tielet motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq irregolarità proċedurali fil-kuntest tal-eżami ta' ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva minħabba effetti vertikali mhux ikkoordinati fis-suq ta' distribuzzjoni tas-sinjali u għalhekk fis-suq MDU Ġermaniż relatat miegħu.
 4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-eżami ta' ostakolu sinjifikattiv għal kompetizzjoni effettiva minħabba effetti orizzontali mhux ikkoordinati fuq dak li jissejjaħ is-suq ta' feed-in fil-Ġermanja.
 5. Il-ħames motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq irregolarità proċedurali fil-kuntest tal-eżami tal-impenji, sa fejn il-Kummissjoni aċċettat pakkett ta' impenji li *a priori* ma kinux – strutturalment – xierqa sabiex jikkumpensaw ir-restrizzjonijiet sinjifikattivi għall-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-fużjoni.
-